MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 656/2012

**Diane Spiteri (ID 122085M)**

**Vs**

**Antonello Cappitta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Settembru 2014 fejn l-attrici talbet illi peress li f'Ottubru tas-sena 2006 l-attrici hadet u segwiet b'success kors akkademiku ma' The European University Malta Centre u cioe 'Diploma in Management',

Peress illi l-konvenut iffirma dokumenti bhala Direttur ta' The European University Malta Centre,

Peress illi l-konvenut ta lir-rikorrenti l-assigurazzjoni li l-kors imsemmi kien rikonoxxut mill-awtoritajiet Maltin u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

Peress illi l-attrici sussegwentement saret taf li tali kors ma kienx rikonoxxut mill-awtoritajiet Maltin u li konsegwentement ma seghtet taghmel ebda uzu minnu jew taghmel riferenza ghalih fil-*curriculum vitae* taghha kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

Peress illi sussegwentement ukoll l-attrici saret taf li The European University Malta Centre m'hijiex akkreditata mic-Centre of Accreditation and Quality Assurance of the Swiss Universities u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

Peress illi l-attrici soffriet Danni kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza, liema Danni jikkonsistu izda m'humiex limitati fl-ammont ta' tlett elef, erba mija u erba u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) rapprezentanti l-mizata tal-imsemmi kors;

Peress li ghad-danni soffriet huwa unikament responsabbli l-konvenut;

Peress li l-attrici interpellat lill-konvenut diversi drabi kemm permezz ta' ittra legali kif ukoll ittra ufficjali sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' Danni sofferti izda baqa inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici umilment titlob lil dan it-Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici;
2. Jiddikjara li l-attrici soffriet Danni kawzati unikament mill-konvenut konsegwenza tal-agir tieghu;
3. Jillikwida jekk ikun il-kaz permezz ta' nomina ta' esperti d-danni sofferti mill-attrici kagunati mill-konvenut, liema Danni pretizi l-attrici ghall-fini

ta’ gurisdizzjoni tiddikjara li ma jeccedux is-somma ta’ tlett elef, erba mija u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06).

4. Jordna u jikkundanna lill-konvenut ihallas dak l-ammont hekk likwidat lill-attrici fi zmien qasir u perentorju stabbbilit mill-istess Tribunal;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi l-ispejjez relattivi mal-Ittra Legali tad-19 ta’ Settembru, 2011 u l-Ittra Ufficjali datata s-27 ta’ Settembru, 2011 kontra l-konvenut.

Il-konvenut debitament notifikat pprezenta r-risposta tieghu fis-27 ta’ Novembru 2012 fejn eccepixxa illi;

1. Il-konvenut fil-kwalita tieghu personali m’ghandu assolutament ebda ness la guridiku u lanqas fattwali mal-attrici u kwindi mhux il-legittimu kontradittur.
2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju, in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan l-Onorabbli Tribunal li jisma u jiddecidi dan il-kaz stante li t-talbiet attrici jezorbitaw mill-gurisdizzjoni tieghu essendo mhux money claim imma talba ghad-danni rizultanti minn kuntratt liema talba ghad-danni tirrikjedi li t-Tribunal jippronunzja ruhu fuq il-pattijiet tal-kuntratt il *che* mhux kompitu tieghu.
3. Illi bla pregudizzju t-talba attrici hija preskritta u l-attrici qeghda tintalab sabiex qabel xejn tiddikjara taht liema artiklu tal-Ligi qedgha ssejjes it-talba taghha sabiex l-esponenti jkun f’posizzjoni li jindika liema aritkolu tal-preskrizzjoni japplika ghal kaz odjern.
4. Illi assolutament ma jirrizultawx l-estremi li trid il-Ligi biex tirnexxi l-azzjoni attrici.
5. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attrici.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni l-partijiet resqu l-provi taghhom u t-Tribunal ddecieda din l-eccezzjoni billi cahadha.

L-attrici xehdet u spjegat illi hija segwiet kors li ghalih hadet loan u hallset elf u hames mitt lira maltija (Lm1,500) li mbaghad wara li ggradwat qalet illi l-konvenut stess infurmaha meta kkomunikat mieghu illi tali kors lanqas tista tnizzlu fuq il-curriculum vitae taghha peress illi mhux rikonoxxut mill-entita MQRIC.

Il-konvenut min-naha tieghu jispjega illi meta gie offrut tali kors kellu l-licenzja u permessi kollha mehtiega u l-Bord tal-MQRIC gie stabbilit wara li l-attrici kienet bdiet il-kors.

Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut iressaq l-eccezzjoni li t-Tribunal mhux kompetenti li jiddecidi dan il-kaz peress illi t-Tribunal irid jidhol fuq il *che* tal-kuntratt li din il-kawza mhix semplici money claim. Fuq din l-eccezzjoni t-Tribunal jghid illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu gurisdizzjoni li jisma u jiddecidi kawzi ta’ talbiet ghal flus li ma jaqbzux l-ammont ta’ tlett elef, erba mija u erba u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06). Sabiex jaghmel dan it-Tribunal irid bilfors jisma u jiddecidi l-ghala fuq liema ragunijiet l-attur ikun qed jitlob dan l-ammont. Il-ligi ma tistipulax illi l-kawzi quddiem it-Tribunal iridu jkunu rizultat ta’ kitba li diga rabtet il-partijiet.

Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Fir-rigward tar-raba eccezzjoni jidher mill-provi u anki mir-rikors promutur illi l-kors spicca fl-2009. Jidher illi l-ewwel Ittra Legali li ntbaghtet fid-19 ta’ Settembru, 2011 u Ittra Ufficjali li ntbaghtet fis-27 ta’ Settembru, 2011 pero l-Artikolu 1027 citat mill-konvenut stess jghid:

*"the action for the recovery of that which may have been unduly given, unless prescribed under any of the provisions contained in the title relating to prescription, shall be prescribed but the lapse of two years from the day on which the person to whom the action is competent shall have discovered the mistake*."

Jidher ghalhekk illi l-attrici minn meta saret taf illi l-kors li segwiet mhuwiex rikonoxxut mill-ewwel hadet azzjoni . Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa din l-eccezzjoni.

Il-konvenut min-naha tieghu jghid illi meta nbeda l-kors ma kienx hemm l-entita tal-MQRIC. Min-naha l-ohra jirrizulta mill-provi prodotti li l-MQRIC ma setghetx tirrikonoxxi l-Kors li segwiet l-attrici peress illi qalet,

*"The MQRIC points out that according to the official information at our disposal, the 'European University' is neither a recognised institution by the Swiss Canton where it is situated, nor is it accredited by the Centre of Accreditation and Quality Assurance of the Swiss Universities. Therefore its degrees are not recognised for further studies at a Swiss university. MQRIC is however aware of the fact that the Awarding body concerned is a prestigious higher education institution.*

*In view of the above, the MQRIC cannot issue a 'recognition' statement on the above qualification. But notwithstanding, it should be stressed out that all qualifications have an intrinsic value which certainly give an added dimension to the holder's curriculum vitae."*

L-attrici ghalhekk soffriet kemm biex studjat u kemm biex hallset il-kors li ghamlet li fl-ahhar mill-ahhar ma wassalha mkien. Pero l-attrici min-naha

taghha kien messha indagat izjed fil-fond dwar il-kors illi kienet ser taghmel u mhux tieqaf billi ghamlet mistoqsijiet lill-konvenut stess biss.

Minn-naha tieghu l-konvenut kien sigur minn dak li kien qed joffri peress illi kien kopert u licenzjat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li m'hemmx linja dritta fejn jibda t-tort u l-obbligi ta' wiehed u d-drittijiet tal-parti l-ohra. Ghalhekk it-Tribunal b'ekwita jilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn ewro (€2,000) u jordna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) lill-attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluz tal-Ittra Ufficjali data s- 27 ta' Settembru, 2011 ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------